*TIFKIRA*

# Patri Anastasju Cuschieri O.Carm., Il-Poeta li kiteb il-versi ta' l-innu lil S. Guzepp.

minn ANTHONY CASHA

**"Lil Ġużeppi ejjew faħħru**
**Intom tfal, intom tfaliet:**
**Ġibu magħkom ġilji bojod**
**U xerrduhom bil-mijiet.**
**Għax bħal ġiglu kienet qalbu**
**Safja mbegħda mill-ħtijiet.**
**Min ta' Malti u ta' nisrani**
**Id-demm jiġri ħoss ġo fih**
**Lil Ġużeppi jfaħħar magħna**
**F'dal-jum tiegħu tant sabieħ."**



Dawn huma l-versi ta' l-ewwel strofa ta' l-innu lil San Ġużepp, li kiteb partikularment għalina l-Ġużeppini Rabtin, il-Professur, Poeta u Reliġjuż Karmelitan: Patri Anastasju Cuschieri li proprju din is-sena jaħbat il-25 anniversarju mill-mewt tiegħu.

Għalhekk ħsibt li din is-sena huwa xieraq li nfakkru f'dan il-ktieb, permezz ta' din il-kitba, lil dan il-bniedem: iben ġenju w eroj patrijottiku nazzjonalista ta' art tweldina, li huwa magħruf bħala: "L-Poeta tal-Madonna" w "Il-Poeta tal-Kelma Maltija".

Patri Anastasju Cuschieri kien filosofu għaref, teologu studjuż, oratur kbir storiku u senatur (1). Fuq kollox u tabilħaqq huwa ġie deskritt mill-istudjużi tal-Malti bħala wieħed mill-aqwa poeti kbar tal-poeżija Maltija, li fi kliem il-Prof. Ġuże Aquilina: "fl-aqwa tiegħu iħabbatha ma' Dun Karm u ħafna drabi jilħaq spalla ma' spalla miegħu" (2). Fi kliem l-Avukat George Zammit. "Ħadd daqsu ma għaraf ifisser il-ġmiel u l-qawwa ta' l-Ilsien Malti" (3).

Kien madwar ħamsin sena ilu, eżattament bejn is-snin 1937 - 1938; meta Cuschieri kiteb il versi ta' l-innu tagħna, lil San Ġużepp. Meta f'dan l-istess żmien inkitbet ukoll il-kompożizzjoni mużikali ta' l-istess

innu mis-Surmast Carlo Diacono (1876-1942 (4). Cuschieri ta' poeta kapaċi li kien, kitbilna mit-tqanqil lli ħass f'qalbu versi tassew sbieħ, ċari sempliċi u mexxejja, imżewqin b'elementi qawwija ta' reliġożita' u patrijottiżmu kif kien jaf jikteb hu.

Patri A. Cuschieri kien devot kbir tal-Madonna. Tant li huwa msejjaħ, kif diġa għidt fil-bidu ta' din il-kitba, bħala: "Il-Poeta tal-Madonna". Għaliex il-biċċa l-kbira tal-poeżiji reliġjużi tiegħu għandhom bħala suġġett il-Madonna. Għalhekk ma jistax jonqos li l-imħabba kbira nterna w esterna li kellu lejn il Madonna; naturalment kemm bħala nisrani if ukoll bħala Patri Karmelitan ma tqanqalx fih devozzjoni lejn l-Għarus tagħha, San Ġużepp. Tant li huwa daħħal lil San Ġużepp flimkien ma' Marija, f'żewġ poeżiji tiegħu "Ejjew Ragħajja" u "Il-Milied" (5). Barra minn hekk huwa kiteb ukoll poeżija partikularment dwar San Ġużepp, bl-isem ta' "Leġġenda fuq San Ġużepp", li hu kiteb fl-1927 (6).

## Bijografija ta' Patri A. Cuschieri

Patri Anastasju Cuschieri iben Ġużeppi w Andreana Cuschieri twieled il-Belt Valletta fis-27 ta' Jannar, 1876. Ġie mgħammed tlett ijiem wara fil-Knisja Parrokkjali ta' Santa Marija ta' Porto Salvo (San Duminku) tal-Belt stess u ngħata l-isem ta' Pawlu.

Fit-tfulija tiegħu Cuschieri kien imur l-iskola elementari tal-Belt. Kien ukoll abbati fil-Knisja tal-Madonna tal-Karmnu u jista' jagħti l-każ li kien f'dan iż-żmien li nibtet fih ix-xewqa li jidħol Patri fl-Ordni Karmelitan. Tant hu hekk li wara li spiċċa l-istudji tiegħu mill-Liceo, fl-eta' 15-il sena daħal mal-Patrijiet Karmelitani fl-1891.

Għamel il-professjoni solenni fi ħdan l-istess Ordni, fit-28 ta' Awissu, 1892 u għażel l-isem ta' Anastasju. Huwa beda l-istudji tiegħu f'Malta u kompla l-istudji tal-Filosofija u tat-Teoloġija f'Ruma fl-Universita' Gregorjana, fejn kiseb il-gradi ta' Dottorat fid-Divinita' Dottorat fil-Filosofija w il-Maġisteru fit-Teoloġija.

Qaddes l-ewwel quddiesa solenni fil-25 ta Settembru, 1898, fil-knisja ta' Santa Marija ta' Traspontina f'Ruma. Meta ġie lura Malta, il-Kunsill Ġenerali ta' l-Universita' ta' Malta ħatru Professur tal-Filosofija fl-1902, meta kien għad għandu biss 25 sena.

Fl-istess Universita' tagħna huwa kien ukoll membru ta' l-istess Kunsill Ġenerali ta' l Universita' fejn irrappreżenta l-Fakulta' tax-Xjenza, kien membru tal-kummissjoni ta' l-eżaminaturi tal-Lingwa u tal-Letteratura Taljana kif ukoll eżaminatur tat-Teoloġija. Huwa rtira mill-karriga tiegħu mill Universita' fl-1939, fl-eta' ta' 63 sena, wara servizz ta' tmienja u tletin sena.

Fi żmien il-gwerra huwa kien refuġjat fil-Kulleġġ ta' San Alwiġi, f'Birkirkara. Kien ġie maħtur darb-

tejn provinċjal ta' l-Ordni Karmelitan ms-26 ta' Novembru, 1906, sa l-14 ta' April, 1910 u mill-1 ta' Settembru, 1913, sas-26 ta' Ġunju, 1916. Intgħażel darbtejn bħala Senatur fl-ewwel u fit-tieni leġislatura tal-Gvern Nazzjonalista fl-1927, u fl-1932, biex jirrappreżenta l-gradwati ta' l-Università'.

Patri A. Cuschieri, marad b'marda qalila fil-15 ta' Awissu, 1959, li ħallietu paralitiku sa l-aħħar ta' ħajtu. Nhar is-17 ta' Lulju, 1962, ġie mogħti l-Aħħar Sagramenti Mqaddsa; u tmint ijiem wara, nhar l-Erbgħa, 25 ta' l-istess xahar, għall-ħabta ta' l-għaxra u nofs ta' filgħodu miet fil-preżenza ta' ħafna minn ħutu Patrijiet Karmelitani.

L-għada fit-tmienja u nofs ta' filgħodu saritlu quddiesa "praesente cadavere" fil-Bażilika tal-Madonna tal-Karmnu tal-Belt. Wara nofs in-nhar sar korteo mill-istess Bażilika sa Bieb il-Belt, fejn f'dan il-korteo kienu ħadu sehem ħafna personalitajiet magħrufa u folla kbira ta' nies. Minn Bieb il-Belt it-tebut tiegħu ittieħed b'forma privata fl-Imdina, fejn ġie midfun fil-kannierja talknisja tal Patrijiet Karmelitani.

**Il-Karattru ta' Cuschieri**

Rigward il-karattru tiegħu jingħad ,li Patri A. Cuschieri kien bniedem timidu, kollt u filosofu millaħjar, iżda kien sensittiv wisq. Kien jibża' ħafna mis-sajjetti, berqa jew ragħda kienet tkun biżżejjed biex twaqqfu f'nofs lezzjoni (7).

Huma ħafna dawk li jiddeskrivuh li huwa kellu karattru veramenti ħelu u dħuli, il-lezzjonijiet tal-Filosofija fl-Università' kien tant jagħmilhom interessanti. Jingħad ukoll kemm kienu jfittxuh ħafna l istudenti flistudju tal-Filosofija (8). Kif ukoll hu min-naħa tiegħu kien jinkoraġġixxi lill-istudenti speċjalment lil dawk li kienu jaqbdu l-karriera letterarja (9).

Fl-aħħar snin ta' ħajtu kien joħroġ fit-toroq tal-Belt biex imur iqarar jew ifarraġ lil xi marid, liebes it-tonka Karmelitana u bil bastun f'idejh (10).

**Cuschieri Kittieb u Oratur**

Bħala kittieb, Cuschieri l-ewwel ma beda jikteb kien bit-Taljan. Nafu li bħal Dun Karm (1871-1961) kiteb il-poeżija bit-Taljan qabel ma beda jikteb il-Malti, u beda jikteb il-poeżiji bil-Malti qabel Dun Karm stess. Filfatt insibu li fl-1909 kien diġa' kiteb il-poeżija bil-Malti, bit-titlu: "Fil-Festa tal-Madonna tal-Karmnu" (11).

Il-poeta tagħna mhux fuq suġġetti serji biss mar jikteb, bħalma hi r-reliġjon, il patrija, il-ħajja u l-mewt. Iżda nsibu wkoll li kiteb fuq suġġetti w aspetti komuni fil-ħajja naturali tal-bniedem, bħalma hija t-tfulija (12). Huwa kiteb ukoll fir-'Rivista di Filosofia Neo-Scolastica' ta' l-Università' Kattolika ta' Milan, kif ukoll fir-"Rivista Storica Carmelitana".

Bħala oratur, Cuschieri kien

wished mill-aqwa oraturi li kien hawn f'Malta dak iż-żmien. Kemm-il darba għamel paniġierki kbar f'diversi knejjes fil-festi ta' l-ibliet u l-irħula tagħna. Dan jikkonfermawh l-istess eloġiji li kienu jinkitbu fil-gazzetti ta' dak iż-żmien, biex ifaħħru lil Patri A. Cuschieri.

Fost id-diskorsi mportanti li Patri A. Cuschieri jibqa' msemmi għalihom huwa dak li kien għamel fil-Kungress Ewkaristiku fl-1913, kif ukoll id-diskors li )kien għamel fl-1927, fl-inawgurazzjoni tal-Monument ta' l-Assedju l-Kbir ta' l-1565.

**Tifkira Ħajja ta' Cuschieri**

Għalkemm għaddew 25 sena mill-mewt ta' Patri A. Cuschieri, jibqa' l-fatt li aħna bħala Maltin ma nistgħux ma nagħtux ġieh lil dan il-poeta kbir Malti li għamel ġieh lil art twelidna. Poeta li bħala poplu għandna nkunu kburin bih, għaliex il-poeżiji tiegħu għad għandhom tifsira għalina u għad-dinja materjalista ta' żmenijietna. Għaliex kif igħid tant tajjeb il-Poeta Nazzjonali Dun Karm Psaila, fil-poeżija tiegħu "Non Omnis Moriar": "Il-poeta jintemm u l-għanja tibqa'."

Bla dubju ta' xejn il-poeżiji li kiteb matul ħajtu, jibqgħu l-aktar tifkira ħajja tiegħu flimkien mas-sehem fejjiedi tal-ħidma li ta għall-ġid tal-poplu tagħna. Cuschieri hu dak il-bniedem li permezz tal-kitba u l-kelma tiegħu sar magħruf u maħbub minn kulħadd.

Verament li għalkemm għaddew is-snin, l-għanja ta' Cuschieri għadha tidwi fil-Għejjer tagħna. Bħalma għadha tidwi fost il-Ġużeppini tar-Rabat u ta' l-Imdina, permezz tal-versi li huwa darba mar jikteb għall-innu popolari tal-Festa ta' San Ġużepp.

**Referenzi:**


1 Il-Poeta Alfred Degabriele fl-istudju tiegħu miġbur fil-ktieb li jiġbor fih ġabra ta' poeżiji ta' Patri A. Cuschieri bl-isem: "Il-Poeta tal-Madonna u tal-Kelma Maltija", Malta 1976, it-Tieni Edizzjoni), Lux Press, p. xvi.

2 Prof. Ġuże' Aquilina fl-introduzzjoni op. cit., p. iii.

3 L-Avukat Geprge Zammit fl-artiklu tiegħu bl-isem: "Il-Professur Cuschieri — Filosofu, Poeta u Reliġjuż", li ġie pubblikat fil-Ħarġa tal-"Leħen is-Sewwa", tas-Sibt, 11 ta' Lulju, 1981, p, 11.

4 Informazzjoni personali li ġiet mogħtija lili mis-Sur Ġużeppi M. Micallef, attwalment Segretarju ta' l-Arċikonfraternita' ta' San Ġużepp tar-Rabat ta' l-Imdina.

5 "Ir-Reġina tal-Karmelu", (Malta), Vol. 1, Diċembru 1914, p. 178. Ara wkoll il-ktieb "Il-Poeta tal-Madonna u tal-Kelma Maltija". (Malta 1976), pp 49,49 u 50.

6 "Messaġġier tal-Qalb ta' Ġesu' ", (Malta 1927), p. 55.

7 Prof. Ġuże' Aquilina fl-introduzzjoni op. cit., p. vi.

8 Prof. Ġuże' Aquilina u l-Poeta Alfred Degabriele, op. cit., pp. iii u xiii.

9 Esperjenza personali ta' l-Avukat George Zammit, imxandra minnu stess f'diskors kommemorattiv dwar Patri A. Cuschieri; f'kommemorazzjoni tal-Poeta li kienet ġiet organizzata mill-Ladies Circle ta' Santa Rita tal-Parroċċa ta' Santu Wistin tal-Belt. Liema diskors kien ġie pubblikat f'artiklu, imqassam f'żewġ partijiet. fil-Ħarġa tal-"Leħen is-Sewwa". Ara l-ewwel parti tas-Sibt, 2 ta' Marzu, 1985.

10 Il-Poeta Alfred Degabriele, op. cit., p. xiii.

11 Ara l-artiklu dwar Patri A. Cuschieri f'egħluq l-għoxrin sena minn mewtu, ippubblikat fil-Ħarġa ta' "Il-Mument", tal-Ħadd, 1 ta' Awissu, 1982, p. 12.

12 L-Avukat George Zammit fit-tieni parti ta' l-artiklu tiegħu dwar Patri A. Cuschieri, ippubblikat fil-Ħarġa tal-"Leħen is-Sewwa", tas-Sibt, 9 ta' Marzu, 1985.